# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## SEDUTA NRU 309a – It-Tlieta, 20 t' Ottubru, 2015

## AĠENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Kuntratti
5. Mozzjonijiet
6. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENT SKUŻAT

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien infurmat mill-Kunsillier Clayton Cutajar li ma setax jattendi s-seduta għax kien se jkun imsiefer. Is-Sindku ippropona li għandu jkun imniżżel bħala assenti skużat. Il-Kunsillier Domnic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 308a u 308b jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

## 2.1 Talba ma' Transport Malta dwar restricted access fi Triq l-Imqabba

Is-Sindku qal li t-Trasport Malta kienet laqgħet it-talba tal-Kunsill u l-arranġamenti ġodda se jibdew joperaw mill-bidu ta' Novembru. Huwa ippropona li matul l-ewwel ġimgħa jintalab is-servizz tal-Gwardjani Lokali bejn is-6:30am u t-8:30am u bejn l-4:30pm u s-6:00pm.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2.2 Arranġamenti tat-traffiku fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi

Is-Sindku qal li l-laqgħa ta' konsultazzjoni sarter ilbieraħ it-Tnejn 19 t'Ottubru 2015 fiċ-Ċentru Ċiviku. Huwa qal li xtaq li jiġi rreġistrat fil-minuti tal-Kunsill li Trasport Malta ma laqgħux l-istedina tal-Kunsill biex rappreżentant tagħhom ikun preżenti u jipparteċipa f'din il-laqgħa. Huwa qal li Transport Malta talbu biss biss li jintbagħtu s-suġġerimenti li jkunu saru.

## 2.3 Tneħħija ta' art f'Ta' Dmerjek mil-lista ta' proprjetà privata

Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Michael Falzon nhar it-13 t'Ottubru 2015 fejn wassallu b'mod dirett in-nuqqas ta' qbil tal-Kunsill mad-deċiżjoni li kienet ħadet il-MEPA u li kienet ġiet aċċettata minnu bħala Segretarju Parlamentari. Is-Sindku qal li l-Onor Falzon insista li hu ma kellu x'jaqsam xejn mad-deċiżjoni. Is-Sindku qal li kien spjega lill-Onor. Falzon li l-Kunsill Lokali jistenna li tiġi osservata l-liġi fis-sens li l-Kunsill ikun ikkonsultat dwar dak kollu li jolqot lil-lokalità.

Is-Sindku qal li għal parti minn din il-laqgħa kien preżenti wkoll is-CEO tal-MEPA, is-Sur Johann Buttigieg li kkonferma li fil-proċedura dwar dan il-każ il-Kunsill ma kienx ġie kkonsultat.

Is-Sindku qal li baqa' jinsisti li ma jaqbilx ma' din il-pożizzjoni u għalhekk kien diġà ġie ppreżentat appell mid-deċiżjoni.

## 2.4 Espressjoni ta' interess ta' track għat-tlielaq tal-karrozzi

Is-Sindku qal li huwa diġà kellu numru ta' laqgħat ma' għaqdiet tal-*motorsports* u investituri li matulhom spjega l-pożizzjoni uffiċjali tal-Kunsill kontra li ssir track għat-tlielaq tal-vetturi fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi.

Is-Sindku spjega li hu nsista magħhom li m'għandhomx jipproponu li t-*track* tat-tlielaq issir fis-Siġġiewi. Hu fissrilhom li kemm-il darba dan isir, il-Kunsill kien se

juża kull mezz possibli biex iwaqqaf milli t-*track* isir fis-Siġġiewi.

# 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

### 4.1 LCS 29/15 – Supply & commissioning of Playground Equipment

Għal din is-sejħa kienu daħlu tlett offerti, waħda skont kif mitlub u żewġ offerti b'option differenti.

Is-Sindku ippropona li għandna tintbagħat ittra biex jiġi spejgat lill-offerenti kif sar il-proċess. Barraminhekk, huwa ppropona li l-Kunsill jitlob xi materjal bħala *sample* biex jgħin fit-teħid tad-deċiżjoni.

### 4.2 LCS 28/15 – Civil works in connection with the rehabilitation of Playground, etc.,

Is-Sindku qal li għal din is-sejħa kienet ġiet ippreżentata offerta waħda biss, dik tas-Sur Nicholas Farrugia. Huwa kompla jgħid li flimkien mal-Perit għamel skrutinju tagħha u jirriżulta li hija skont dak li kien qed jintalab. Għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' din l-offerta.

Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.3 LCS 25/15 Contract Service of an accountant

Is-Sindku qal li kienu daħlu tliet offerti bl-irħas waħda tkun tal-accountant preżenti u ċjoè dik ta' GMM & Associates Ltd. Għalhekk huwa ippropona li l-Kunsill jilqa' din l-offerta.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 MOZZJONIJIET

### 5.1 Mozzjoni dwar it-twettiq tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku qal li qabel iressaq il-mozzjoni, huwa kien se jagħmel introduzzjoni għal din il-mozzjoni. Huwa fakkar li fl-2009 il-Kunsill kien iddeċieda li jitlob lill-Gvern biex il-binja bin-numri 18 u 20 fi Pjazza San Nikola tingħatalu ħalli tkun tista' ssir l-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Din tlestiet u ġiet inawgurata f'Marzu tal-2012.

Fl-2009 kienu saru diskussjonijiet mal-Gvern dwar il-kuntratt liema kuntratt ġie iffirmat fl-10 ta' Ġunju, 2010. Il-kuntratt kien jgħid li l-binjiet bin-numri 18 u 20 inkrew lill-Kunsill għal 15-il sena li jiġġeddu bi 15-il sena oħra awtomatikament. Il-ħlas tal-kera kien maqbul li jkun €3,070 fis-sena.

Is-Sindku spjega li l-binja bin-numru 20 kienet ilha mikrija lill-Kunsill sa mit-twaqqif tiegħu fis-sena 1994. Is-Sindku qal li l-kera ta' din il-parti tal-bini tħallset dejjem mis-sena 1994.

Is-Sindku qal li wara Ġunju 2010 kienu bdew diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-Partit Laburista dwar kif kienet żviluppat is-sitwazzjoni u ċjoè li l-Partit Labrusita kien baqa' jokkupa l-binja bin-numru 18. Dawn wassal biex f'Awwissu tal-2010 l-Gvern b'*encroachment* biex il-Partit Laburista jibda jagħmel użu mill-binja bin-numru 20 filwaqt li jivvaka kompletament mill-binja bin-numru 18. Dak il-ftehim kien sar bla ħsara għall-kirja li l-Kunsill kellu favur tiegħu fuq il-bini kollu u ċjoè bin-numri 18 u 20. Is-Sindku spjega li l-*encroachment* li ngħata lill-Partit Laburista kien għal 5 snin biss biex il-Partit Laburista jkollu żmien biżżejjed isir post alternattiv. Is-Sindku spjega li l-Partit Laburista kien qed jokkupa l-binja bin-numru 20 bit-tolleranza tal-Kunsill għall-perjodu definit ta' 5 snin.

Is-Sindku spjega li dan il-ftehim bejn il-Gvern u l-Partit Laburista ma kienx jiġġedded awtomatikament u kwalunkwe tinbidel inkluż li jiġġedded kellu jsir bl-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill Lokali. Dan il-ftehim kien iffirmat mill-Kummisarju tal-Artijiet u minn Nicholas Cassar u Dominic Grech li preżentament huma t-tnejn kunsilliera.

Is-Sindku spjega li matul l-aħħar ħames snin il-Kunsill ħallas il-kera tal-proprjetà kollha liema pagamenti dejjem saru bi qbil unanimu tal-kunsilliera kollha.

Is-Sindku qal li fl-aħħar elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ż-żewġ partiti għamlu proposta komuni – li jsir *night centre* għall-anzjani. Hu fakkar li kien qal li n-*night centre* isir fil-kuntest tat-tieni fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Din tinkludi numru ta' affarijiet li huma elenkati fil-mozzjoni.

Is-Sindku qal li fil-jiem li għaddew ġie żvelat fil-mezzi tax-xandir li f'Awwisu li għadda il-Gvern kien mingħajr ma nforma jew kkonsultat lill-Kunsill, ġedded l-*encroachment* favur il-Partit Laburista. Dan ifisser li propjetà li hija mikrija lill-Kunsill il-Gvern kien qabad u reġa' ta lill-Partit Laburista. Is-Sindku qal li dak li għamel il-Gvern huwa inaċċettabbli, illegali u abbużiv.

Is-Sindku fakkar li l-Kunsill ma kienx parti mill-ftehim oriġinali ta' *encorachment.* Huwa qal li dak iż-żmien stess hu kien għamilha ċara li ma jaqbilx ma' dan il-ftehim u ma japprovahx. B'sens ta' rġulija l-Kunsill ħareġ mill-binja bin-numru 20 biex jibda jopera mill-binja bin-numru 18 filwaqt li l-Partit Laburista beda juża l-binja l-binja bin-numru 20 bħala l-każin tiegħu.

Is-Sindku għadda sabiex iresssaq din il-mozzjoni:

"Billi t-twettieq tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi wasslet biex jitjiebu b'mod konsiderevoli s-servizzi offruti mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi lir-residenti u l-għaqdiet tas-Siġġiewi b'mod partikolari bil-ftuħ taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani;

"U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi diġà għandu mikrija lilu mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern il-proprjetà bin-numri 18 u 20 fi Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi u dan skont ftehim ta' kera bid-data tal-10 ta' Ġunju 2010;
"U billi huwa meħtieġ li fis-Siġġiewi jinfetaħ Ċentru ta' Matul il-Lejl għall-Anzjani (Night Centre) bil-għan li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jkun jista' joffri l-opportunità li numru ta' anzjani jorqdu f'ambjent protett u xieraq f'dawk l-iljieli li ma jkunux jistgħu jorqdu fid-dar tagħhom;

"U billi huwa meħtieġ li ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi jiġi żviluppat aktar u dan billi fost oħrajn jiġu offruti faċilitajiet ġodda lir-residenti u lill-għaqdiet tas-Siġġiewi;

"U billi parti mill-proprjetà li tinsab mikrija lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u ċjoè dik bin-numru għoxrin (20) qegħda fil-pussess ta' terzi persuni u liema parti mill-proprjetà kienet diġà mikrija lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi sa mit-twaqqif tiegħu fis-sena 1994;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2015:

"Jirriżolvi li jwettaq proġett li permezz tiegħu ssir it-tieni fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku, liema fażi għandha tinkludi iżda mhux biss:

1. Il-bini u l-ftuħ ta' Ċentru ta' Matul il-Lejl għall-Anzjani (Night Centre);
2. Ċentru tar-Riżorsi għall-Kommunità nkluż l-għaqdiet;
3. Aktar spazji fejn jistgħu jingħataw korsijiet edukattivi;
4. Librerija pubblika;
5. Sistema ta' arja kkundizzjonata fil-bini kollu; u
6. Faċilitajiet ġodda sabiex jitjiebu u jiżdiedu s-servizzi offruti mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi lir-residenti.

"Jirriżolvi li jidħol f'diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali u b'mod partikolari mad-Dipartiment responsabbli mill-Anzjani sabiex bi sħab miegħu jinfetaħ Ċentru ta' Matul il-Lejl għall-Anzjani (Night Centre) fis-

Siġġiewi fuq l-istess mudell ta' kooperazzjoni li bih infetaħ u qiegħed jiġi operat iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani (Day Centre) li diġà jifforma parti miċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi;

"Jirriżolvi li fid-dawl tal-investiment sostanzjali li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ser ikun qiegħed jagħmel fit-twettieq tat-tieni fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi, minnufih jitlob lid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern sabiex il-ftehim bid-data tal-10 ta' Ġunju 2010 jiġi mġedded għall-perjodu ieħor ta' mill-inqas ħmistax-il (15) sena;

"Jirriżolvi li minn issa jieħu dawk il-passi u jwettaq dawk l-azzjonijiet kollha meħtieġa, inkluż iżda mhux biss, dawk amministrattivi, legali u ġudizzjarji sabiex tkun tista' titwettaq it-tieni fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi kif deċiż permezz ta' din il-mozzjoni u b'mod partikolari sabiex il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jikseb pussess tal-proprjetà kollha mikrija lilu bis-saħħa tal-ftehim bid-data tal-10 ta' Ġunju 2010;

"Jirriżolvi li jidħol f'diskussjonijiet mal-Korp tal-Pulizija sabiex l-ispazju li fil-preżent huwa wżat bħala Għassa tal-Pulizija fis-Siġġiewi jiġi mtejjeb u mqassam b'mod aħjar flimkien mal-ispazju li jifforma parti mill-proprjetà li diġà hija mikrija lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi;

"Jirriżolvi li jżomm lir-residenti tas-Siġġiewi u lill-mezzi tax-xandir infurmati bil-ħidma li tkun qed issir fit-twettiq ta' dan il-proġett.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Prim Ministru – l-Onor. Dott. Joseph Muscat, lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern – l-Onor. Dott. Michael Falzon, lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – l-Onor. Stefan Buontempo, lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern, lill-Kummissarju tal-Artijiet, lid-Direttur għal Gvern Lokali – Is-Sur Carmel Abela kif ukoll tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir."

Il-mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit u l-Kunsilliera l-Perit Julian Borg u Gillian Farrugia Pace.

Is-Sindku qal l-għażla kienet ċara: bejn għażla favur il-komunità kollha tas-Siġġiewi jew favur il-gwadann ta' partit politiku partikolari. Is-Sindku qal li l-għażla hija waħda ċara wkoll għaliex it-tiġdid tal-*encorachment* kien sar bil-moħbi mill-Gvern favur il-Partit Laburista.

Is-Sindku talab lill-kunsilliera jiddikjaraw jekk għandhomx xi forma ta' kunflitt ta' interess. Il-Kunsilliera kollha iddikjaraw li m'għandhom l-ebda konflitt ta' interess.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li kien qed jitkellem ukoll f'isem il-Kunsillier Clayton Cutajar li kien jinsab imsiefer fuq xogħol. Kompla jgħid li t-tliet

kunsillieri Laburisti jaqblu fil-prinċipju li s-Siġġiewi għandu jkollu *night shelter*. Huwa għalhekk talab x'inhuma l-pjanijiet konkreti ta' dan il-proġett u jekk kienux tħejjew pjanti tiegħu kif ukoll timeframe meta se jkun lest dan il-proġett.

Is-Sindku wieġeb li fl-aħħar xhur saru diversi laqgħat bi tħejjija għal dan il-proġett biex isir pjan ta' kif it-tieni fażi tista' titwettaq. Is-Sindku spjega li matul ix-xhur tas-sajf il-Perit tal-Kunsill kien żar il-proprjetà diversi drabi u fassal idea ġenerali ta' kif isir l-aħjar użu mill-proprjetà kollha. Is-Sindku spjega li l-konklużjoni tal-Perit kienet waħda pożittiva u li għalhekk kien f'pożizzjoni li jressaq din il-mozzjoni.

Is-Sindku spjega li l-approvazzjoni tal-mozzjoni kif ippreżentata minnu tawtorizzah sabiex jibdew jitħejjew pjanti tal-proġett wara li jkunu saru d-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet kollha meħtieġa ma' entitajiet oħra. Il-mozzjoni hija biss il-bidu ta' dak kollu li għandu bżonn isir u dan jinvolvi mhux biss il-pjanti imma wkoll il-finanzjament tal-proġett, il-permessi relatati u ħwejjeġ oħra. Is-Sindku spjega li huwa diġà beda jesplora l-possibilità li l-proġett jkun wieħed li jiġi ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Is-Sindku spjega li l-pjan li huwa matul is-sena 2016 jsiru l-proċessi kollha marbuta mal-ippjanar, il-permessi u s-sejħiet pubbliċi biex ix-xogħolijiet jkunu jistgħu jibdew sal-aħħar tas-sena 2017.

Il-Kunsillier Dominic Grech tenna li l-proponent qed iressaq mozzjoni ta' proġett ambizzjuż mingħajr ma hemm xejn tanġibbli u mingħajr ma huwa ippjanat fid-dettal. Dwar l-*encroachment* mogħti lill-Partit Laburista, Grech qal li dan sar kif kien sar fil-kuntratt tal-2010, anzi b'obbligi akbar għax il-ħlas huwa ogħla.

Huwa kompla jgħid li l-kunsilliera Laburisti huma kommessi li l-proġett ta' *night shelter* isir u se jkunu jipproponu postijiet alternattivi u mhux isir bħala parti miċ-Ċentru Ċiviku.

Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa jekk kienitx saret konsultazzjoni pubblika dwar dan il-proġett. Is-Sindku wieġeb li dwar dan il-proġett huwa kien għamel l-akbar konsultazzjoni pubblika possibbli meta ppropona dan il-proġett waqt il-kampanja elettorali għall-aħħar elezzjoni tal-Kunsill Lokali u li l-maġġoranza assoluta tal-poplu tas-Siġġiewi kienet ivvutat favur li jitwettaq dan il-proġett.

Il-kunsilliera Julian Borg u Gillian Farrugia Pace flimkien mal-Viċi Sindku qalu li m'għandhomx diffikultà jivvutaw favur din il-mozzjoni għaliex din hija konsistenti u koerenti mal-proġett sħiħ taċ-Ċentru Ċiviku. Huma fakkru li din il-mozzjoni hija skont wegħda li hemm fil-programm elettorali tal-PN fl-aħħar elezzjoni tal-kunsilli lokali.

F'dan l-istadju s-Sindku ippropona li s-seduta tiġi sospiża biex il-pubbliku preżenti jkun jista' jikkumenta. Il-kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Meta tkompliet is-seduta s-Sindku qal li kien se jgħaddi għall-vot dwar il-mozzjoni.

**Favur**: Dr Karol Aquilina, Dr Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Gillian Farrugia Pace.

Kontra: Nicholas Cassar u Dominic Grech.

Is-Sindku iddikjara l-mozzjoni bħala approvata.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku ippropona li billi kienu saru d-9.00pm is-seduta tiġi aġġornata għat-Tnejn 26 t'Ottubru fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn 2 ta' Novembru, 2015**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 309**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 30/9/15-20/10/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | natasha mizzi | 462.00 | 462.00 | k | pf | cleaning council premises sept15 77hrs x | 1.10.15 | | | | | 11061 |
| 2 | synthesis management | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works sept15 | 1.10.15 | 24 | lcs17/13 | | | 11062 |
| 3 | emanuel bonello | 68.50 | 68.50 | d | pf | al's mini market minerals | 2.10.15 | 12701765 | | | | 11063 |
| 4 | gov. gazette | 18.64 | 18.64 | d | pf | doi - advert tender published on 4/9/15, 1 | 12.10.15 | | lcs29/15 | | | 11064 |
| 5 | g4 security | 41.30 | 41.30 | d | pf | set-up webcan ta cwerra | 30.6.15 | 37929 | | | | 11065 |
| 6 | nature trust | 15.00 | 15.00 | d | pf | fee ecoskola 2015-2016 kullegg san injaz | 11.10.15 | | | | | 11066 |
| 7 | smart office supplies | 15.10 | 15.10 | d | pf | stationery | 12.10.15 | 29063 | | | | 11049 |
| 8 | arms | 188.12 | 188.12 | d | pf | bowling pitch lapsi 9/7/15-8/9/15 | 23.10.15 | 210223469 | | | | 11051 |
| 9 | vodafone malta | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 september15 | 1.10.15 | | | | | 11050 |
| 10 | akl | 80.00 | 80.00 | d | pf | laqgha plenarja partecipazzjoni 17/10/15 | 17.10.15 | 17/10/15. | | | | 11067 |
| 11 | arms | 60.40 | 60.40 | d | pf | salvu borg olivier 4/7/15-4/9/15 | 10.10.15 | 21042735 | | | | 11051 |
| 12 | bestprint | 157.50 | 157.50 | d | pf | printing flyers laqgha | 16.10.15 | 124422 | | | | 11068 |
| 13 | greenlines | 283.20 | 283.20 | d | pf | mobile toilets tal-providenza/san niklaw | 30.9.15 | 28936 | | po89/15 | | 11069 |
| 14 | karl borg events | 1008.90 | 1008.90 | d | pf | safety set-up kukkanja and red cross | 4.10.15 | 1283 | | | | 11070 |
| 15 | emidius camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences sept15 | 6.10.15 | 25 | lcs24/13 | | | 11071 |
| 16 | mepa | 775.00 | 775.00 | d | pf | dev. permit fee playing field 161068PAA | 2.10.15 | 161068 | | | | 11042 |
| 17 | salander | 829.50 | 829.50 | d | pf | printing of newslatter october15 | 25.9.15 | 10969 | | | | 11060 |
| 18 | al's mini market | 48.75 | 48.75 | d | pf | minerals | 5.10.15 | 10701757 | | | | 11059 |
| 19 | 3d | 188.80 | 188.80 | d | pf | distribution of newsletter oct15 | 29.9.15 | 5907 | | | | 11058 |
| 20 | antonia aquilina | 144.54 | 144.54 | d | pf | library attendant sept15 22hrsx6.57 | 1.10.15 | | | | | 11057 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,856.48** | **€5,856.48** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€5,856.48** | **€5,856.48** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 309 tat-20/10/15**

Kunsillier

**Data: 30/9/15-20/10/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | smart office | 152.35 | 152.35 | d | pf | stationery | 30.9.15 | 28287 | | | | 11049 |
| 22 | dr richard sladden | 70.80 | 70.80 | d | pf | legal service case gasan mamo | 30.9.15 | rs50/15 | | | | 11056 |
| 23 | jb concrete works | 2475.46 | 2475.46 | t | pf | concrete to farmers | 30.9.15 | 168-15 | | | | 11055 |
| 24 | arms | 229.18 | 229.18 | d | pf | patri guze delia 10/7/15-9/9/15 | 23.10.15 | 21029947 | | | | 11051 |
| 25 | arms | 86.99 | 86.99 | d | pf | premises electricity 30/5/15-21/8/15 | 29.9.15 | 20999958 | | | | 11051 |
| 26 | arms | 126.85 | 126.85 | d | pf | premises water 30/5/15-21/8/15 | 29.9.15 | 20999958 | | | | 11051 |
| 27 | arms | 42.79 | 42.79 | d | pf | dun anton vella 3/6/15-2/7/15 | 29.9.15 | 20999959 | | | | 11051 |
| 28 | arms | 160.93 | 160.93 | d | pf | premises electricity 30/5/15-21/8/15 | 29.9.15 | 20999959 | | | | 11051 |
| 29 | arms | 31.92 | 31.92 | d | pf | premises water 30/5/15-21/8/15 | 29.9.15 | 20999959 | | | | 11051 |
| 30 | arms | 20.07 | 20.07 | d | pf | gnien albert fenech 1/8/15-2/9/15 | 29.9.15 | 20999951 | | | | 11051 |
| 31 | arms | 17.76 | 17.76 | d | pf | gnien albert fenech 2/7/15-31/7/15 | 29.9.15 | 20999950 | | | | 11051 |
| 32 | arms | 18.01 | 18.01 | d | pf | gnien albert fenech 2/6/15-1/7/15 | 29.9.15 | 20999949 | | | | 11051 |
| 33 | arms | 29.25 | 29.25 | d | pf | dr n zammit 1/8/15-2/9/15 | 29.9.15 | 20999954 | | | | 11051 |
| 34 | arms | 24.13 | 24.13 | d | pf | dr n zammit 2/7/15-31/7/15 | 29.9.15 | 20999953 | | | | 11051 |
| 35 | arms | 21.97 | 21.97 | d | pf | dr n zammit - 2/6/15-1/7/15 | 29.9.15 | 20999952 | | | | 11051 |
| 36 | arms | 46.40 | 46.40 | d | pf | dun anton vella 4/8/15-2/9/15 | 29.9.15 | 20999957 | | | | 11051 |
| 37 | arms | 47.55 | 47.55 | d | pf | dun anton vella 3/7/15-3/8/15 | 29.9.15 | 20999956 | | | | 11051 |
| 38 | arms | 68.00 | 68.00 | d | pf | gnejnet l-armonija 9/7/15-8/9/15 | 8.10.15 | 21024509 | | | | 11051 |
| 39 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | pf | water for dispenser | 7.10.15 | 620105 | | | | 11054 |
| 40 | mepa | 186.35 | 186.35 | d | pf | review board fee ta' dmejrek | 8.10.15 | 288865 | | | | 11046 |
| | **Sub Total c/f** | **€3,865.26** | **€3,865.26** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€5,856.48** | **€5,856.48** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,721.74** | **€9,721.74** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 309 tat-20/10/15**

0

Kunsillier

**Data: 30/9/15-20/10/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | go | 67.67 | 67.67 | d | pf | 21466000/21466306 sept15 | 4.10.15 | 45268946 | | | | 11052 |
| 42 | go | 49.10 | 49.10 | d | pf | 21465799/21465805 sept15 | 4.10.15 | 45268952 | | | | 11052 |
| 43 | go | 85.39 | 85.39 | d | pf | 21468874 sept15 | 4.10.15 | 45268924 | | | | 11052 |
| 44 | go | 17.91 | 17.91 | d | pf | 21462946 sept15 | 4.10.15 | 45268907 | | | | 11052 |
| 45 | access | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack oct15 | 1.10.15 | 6040 | | | | 11048 |
| 46 | vodafone malta | 78.29 | 78.29 | d | pf | 99491670 sept15 | 1.10.15 | 4866533102015 | | | | 11050 |
| 47 | guard & warden | 33.54 | 33.54 | d | pf | muzew 28/9/15 | 30.9.15 | GS002531 | | | | 11053 |
| 48 | access | 21.30 | 21.30 | d | pf | keyboard and mouse | 19.10.15 | 6082 | | | | 11048 |
| 49 | smart office supplies | 24.07 | 24.07 | d | pf | rubebr stamp | 19.10.15 | 29522 | | | | 11049 |
| 50 | ecopure | 21.25 | 21.25 | d | pf | water for dispenser | 19.10.15 | 621467 | | | | 11054 |
| 51 | registratur qormi | 192.40 | 192.40 | d | pf | kawza gasan mamo lcs6/10 | 21.10.15 | | lcs6/10 | | | 11073 |
| 52 | sciberras & lia adv. | 397.40 | 397.40 | d | pf | case gasan mamo lcs6/10 | 21.10.15 | | lcs6/10 | | | 11073 |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€1,295.12** | **€1,295.12** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€1,295.12** | **€1,295.12** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 309 tat-20/10/15**

0

Kunsillier